**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Philip Debrincat**

Numru: 172/2014

Illum 15 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Philip Debrincat,** iben Iganatius u Josephine nee' Gatt, imwieled fid-29 ta' Lulju 1993, residenti fil-fond numru 30, 'Redentur', Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 28293(G), akkuzat talli nhar it-2 ta' Marzu 2014 ghall-habta ta' 01:30hrs fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex;

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBQ 789 tal-ghamla Opel Corsa b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

2. Ukoll talli b'nuqqad ta' hsieb u/jew bi traskuragni u/jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vetturi DAU 585 u ma' vettura ABO 561 ghad-dannu ta' Norbert Mercieca u Albert Cachia rispettivament;

3. B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tal-istess regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rebecca Galea I.D. 64387(M) hekk kif giet iccertifikata minn Dr. Tracy L. Vidal MD mill-Klinika tal-Mosta u Dr. Maximilian Mifsud MD minn Mater Dei Hospital u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gabriella Cachia I.D. 131384(M) hekk kif iccertifika Dr. Joseph Galea MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi lill-imputat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il--15 ta' Ottubru, 2015 ghall-ewwel, tieni u ghat-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, t-tieni u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili qablet li l-Qorti timponi piena ta' multa. Ikkunsidarat ukoll li l-parte civile u d-difiza qablu li l-proceduri ghad-danni se jitkomplew f'sede civili. Il-prosekuzzjoni qablet li l-Qorti fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi ssib lill-imputat hati li saq bla kont izda mhux b'mod perikoluz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 u Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Anthony Philip Debrincat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf ewro (€1000).

Inoltre l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru min-nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**